MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Numru 1198/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandra Zammit**
**v**

**JAMES ABELA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JAMES ABELA** ta’ erbgha w tletin sena, bin John u Anne nee Abela, imwieled l-Awstralja nhar d-dsatax ta’ Settembru 1974 u joqghod 46, Triq San Pietru, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 260992M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli bejn l-hmistax ta’ Novembru 2008 u t-tmintax ta’ Novembru 2008, ghal habta tat-tmienja ta’ filghodu, f’numru 42, Triq San Pietru, Hal Qormi, ikkommetta serq ta’ gramophone liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u li sehh ghad-dannu ta’ Mark Schembri;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkommetta hsara voluntarja fl-imsemmija residenza private ghad-dannu tal-istess Mark Schembri liema hsara ma teccedix l-mija u sittax l-euro izda teccedi t-tlieta w ghoxrin euro;

3. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, w il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Dicembru 2008 6 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar d-disgha ta' Dicembru.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-disgha ta' Dicembru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li r-res furtiva tinsab f'idejha w ghalhekk Mark Schembri ma sofra ebda danni materjali hlief ghal hsara voluntarja, li hija waħda minima.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu mhux inqas minn ghaxar *convictions* registrati fuqha dwar l-Orindanza tat-Traffiku, serq, pussess tar-raza tal-cannabis, resistenza fuq ufficcjali pubblici, u pussess t'arma minghajr l-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, fejn inghata multi, sentenzi sospizi, perjodi ta' prigunerija;

3. Il-fatt li r-res furtiva tinsab f'idejn il-pulizija ezekuttiva u tista tinghata lura lis-sid legittimu taghha.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat ghalkemm kiser dufrejh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet, ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu lanqas miz-zmien kiefer li hu ghadda fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin w ghalhekk il-Qorti thoss li wasal z-zmien sabiex hi turi l-id iebsa taghha mieghu forsi jitghallem darba ghal dejjem li mal-gustizzja hadd ma jiccajta.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 49, 50, 278(2), 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JAMES ABELA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tiddecidi li tikkundannah ghal perjodu ta' <u>sitt (6) xhur effettivi mill-lum</u>.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------